# REGOLAMENT (UE) Nru 544/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Mejju 2014

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 43 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li bagħtu l-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li aġixxew skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) L-Unjoni hija Parti għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku [3] ("il-Konvenzjoni").

(2) Fis-16-il Laqgħa Speċjali tagħha fl-2008, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-"ICCAT"), stabbilita mill-Konvenzjoni, adottat ir-Rakkomandazzjoni 08-05 sabiex jiġi stabbilit pjan ta' rkupru ġdid għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jieħu post il-pjan ta' rkupru preċedenti adottat fl-2006. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 [4] ġie adottat biex jimplimenta dawk il-miżuri ta' konservazzjoni internazzjonali fil-livell tal-Unjoni.

(3) Fis-l7-il Laqgħa Speċjali tagħha fl-2010, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 10-04 li temenda l-pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn. Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009 kien ġie emendat bir-Regolament (UE) Nru 500/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5] biex jimplimenta dawk il-miżuri ta' konservazzjoni internazzjonali riveduti fil-livell tal-Unjoni.

(4) Fit-18-il-Laqgħa Speċjali tagħha fl-2012, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 12-03 li temenda b'mod ulterjuri l-pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn. Sabiex tadatta aħjar l-istaġuni tas-sajd għall-attività tal-flotot, ir-Rakkomandazzjoni 12-03 tipprovdi modifika tal-istaġuni tas-sajd, li llum huma definiti bħala staġuni miftuħin, bil-kontra tal-istaġuni magħluqin indikati fir-Rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-ICCAT. Barra minn hekk, id-dati proprji li fihom jista' jsir sajd b'bastimenti tas-sajd bil-purse seine, b'bastimenti tal-lixka u b'bastimenti tas-sajd bir-rixa ġew modifikati. Fl-aħħar nett, biex tiġi evitata kwalunkwe inċertezza rigward dak it-tagħmir li mhuwiex soġġett għal kwalunkwe regola speċifika dwar l-istaġuni tas-sajd, kien meħtieġ li tiġi inkluża dispożizzjoni li tippermetti b'mod espliċitu li t-tagħmir l-ieħor kollu, bl-eċċezzjoni ta' kull tip ta' għażel tat-tisqif, il-possibbiltà li jintuża fis-sajd is-sena kollha. Il-perijodi u d-dati għall-istaġuni tas-sajd fl-Atlantiku jistgħu jiġu rieżaminati mill-ICCAT fl-2015, wara parir mill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika (KPRS) tal-ICCAT.

(5) Fit-23 Laqgħa Regolari tagħha f'Novembru 2013, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 13-08 li tikkumplementa r-Rakkomandazzjoni 12-03, sabiex ikunu jistgħu jsiru bidliet fl-istaġuni tas-sajd għall-bastimenti tal-lixka u l-bastimenti tas-sajd bir-rixa fil-Lvant tal-Atlantiku li ma jaffettwawx il-protezzjoni taż-żoni fl-ilma fil-Mediterran fejn ibid it-Tonn. Dik ir-rakkomandazzjoni tal-ICCAT tiddikjara li l-Partijiet Kontraenti u l-Partijiet mhux Kontraenti, l-Entitajiet jew l-Entitajiet tas-Sajd li jikkooperaw jistgħu jispeċifikaw data ta' bidu differenti għall-istaġuni tas-sajd għall-bastimenti tal-lixka u l-bastimenti tas-sajd bir-rixa tagħhom li joperaw fil-Lvant tal-Atlantiku, filwaqt li

[1] ĠU C 67, 6.3.2014, p. 157.

[2] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2014.

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jiffurmaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

[4] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jistabbilixxi pjan multi-annwali għall-irkupru tat-Tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemeda r-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1559/2007 (ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1).

[5] Regolament (UE) Nru 500/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-Tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (ĠU L 157, 16.6.2012, p. 1).

jinżamm it-tul kollu tal-istaġun miftuħ għal dak is-sajd. Dik ir-rakkomandazzjoni tal-ICCAT tistabbilixxi wkoll regoli dwar l-użu ta' kameras sterjoskopiċi fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tqegħid ta' gaġeġ. L-intenzjoni hija li jsir rieżami mill-KPRS tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha, inkluż l-intensità tat-teħid ta' kampjuni, il-mod kif jittieħdu l-kampjuni, id-distanza mill-kamera, id-dimensjonijiet tal-passaġġ ta' trasferiment, l-algoritmi (ir-relazzjoni bejn it-tul u l-piż) fil-laqgħa tiegħu tal-2014, u jekk ikun meħtieġ, jiġu modifikati mill-ICCAT fil-laqgħa tagħha tal-2014 abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-KPRS.

(6) Sabiex tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni r-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 12-03 biex tiġi żgurata konservazzjoni effettiva tal-istokk tat-Tonn, biex tagħti ċertezza legali fir-rigward tal-istaġuni tas-sajd ikkonċernati u, finalment, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddefinixxu b'mod adegwat il-pjanijiet tas-sajd, tal-kapaċità u ta' spezzjoni tagħhom u obbligi ta' rappurtar oħra, u biex jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni r-rakkomandazzjoni tal-ICCAT 13-08 fir-rigward tal-użu ta' sistemi ta' kameras sterjoskopiċi fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' tqegħid ta' gaġeġ u l-istabbilimentpossibbli ta' data differenti ta' bidu tal-istaġuni tas-sajd għall-bastimenti tal-lixka u l-bastimenti tas-sajd bir-rixa fil-Lvant tal-Atlantiku, jeħtieġ jiġu modifikati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 302/2009 malajr kemm jista' jkun,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009 hu emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

**Staġuni tas-sajd**

1. Is-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran minn bastimenti pelaġiċi għall-qbid bil-konz fuq skala kbira li jkunu akbar minn erbgħa u għoxrin (24) metru, għandu jkun permess matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju, bl-eċċezzjoni taż-żona delimitata mill-Punent ta' 10°W u mit-Tramuntana ta' 42°N, fejn dan it-tip ta' sajd għandu jkun permess matul il-perijodu mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Jannar.

2. Is-sajd bil-purse seine għat-tonn għandu jkun permess fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran matul il-perijodu mis-26 ta' Mejju sal-24 ta' Ġunju.

3. Is-sajd għat-tonn bil-bastimenti tal-lixka u l-bastimenti tas-sajd bir-rixa għandu jkun permess fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran matul il-perijodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, għas-snin 2014 u 2015, u billi l-protezzjoni taż-żoni fl-ilma fejn ibid il-ħut mhix affettwata, l-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw, fil-pjanijiet nazzjonali annwali tagħhom tas-sajd, data ta' bidu differenti għall-bastimenti tal-lixka u l-bastimenti tas-sajd bir-rixa li jtajru l-bandiera tagħhom u joperaw fil-Lvant tal-Atlantiku, kemm-il darba t-tul totali tal-istaġun miftuħ għal dak is-sajd jibqa' jkun konformi mal-ewwel subparagrafu.

Il-pjan tas-sajd tal-Unjoni li għandu jiġi ppreżentat lill-ICCAT sal-15 ta' Frar ta' kull sena għandu jispeċifika jekk id-dati ta' bidu għal dak is-sajd ġewx modifikati, kif ukoll il-koordinati taż-żoni kkonċernati.

4. Is-sajd tat-tonn b'bastimenti tas-sajd pelaġiku għandu jkun permess fil-Lvant tal-Atlantiku matul il-perijodu mis-16 ta' Ġunju sal-14 ta' Ottubru.

5. Is-sajd rikreazzjonali u sportiv għat-tonn għandu jkun permess fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran matul il-perijodu mis-16 ta' Ġunju sal-14 ta' Ottubru.

6. Is-sajd għat-tonn b'tagħmir ieħor apparti dak li jissemma fil-paragrafi 1 sa 5, għandu jkun permess matul is-sena kollha. Minkejja dan, is-sajd għat-tonn bit-tipi kollha ta' għażel tat-tisqif għandu jkun projbit,";

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 24a*

**L-użu ta' kameras sterjoskopiċi waqt operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ**

L-użu ta' sistemi ta' kameras sterjoskopiċi fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ għandu jkun f'konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-intensità tat-teħid ta' kampjuni ta' ħut ħaj ma għandhiex tkun inqas minn 20 % tal-ammont ta' ħut li qed jitqiegħed fil-gaġeġ; meta jkun teknikament possibbli, it-teħid ta' kampjuni ta' ħut ħaj għandu jkun sekwenzjali, billi jitkejjel wieħed minn kull ħames kampjuni; tali kampjun għandu jkun magħmul minn ħut imkejjel f'distanza ta' bejn 2 u 8 m mill-kamera;

(b) id-dimensjonijiet tal-passaġġ ta' trasferiment li toħloq rabta bejn il-gaġġa tad-donatur u l-gaġġa tar-riċevitur għandhom jiġu stabbiliti b'wisa' massima ta' 10 mu għoli massimu ta' 10 m;

(c) meta l-kejl tat-tul tal-ħut juri distribuzzjoni multimodali (żewġ koorti jew iktar ta' daqsijiet distinti), għandu jkun possibbli li jintuża aktar minn algoritmu wieħed ta' konverżjoni għall-istess operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ; l-algoritmui l-iktar aġġornati stabbiliti mill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika għandu(hom) jintuża(w) biex it-tul sal-furketta jiġi kkonvertit f'piż totali, skont il-kategorija tad-daqs tal-ħut imkejjel waqt l-operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ;

(d) il-validazzjoni tal-kejl tat-tul sterjoskopiku għandha ssir qabel kull operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ permezz ta' skala grafika f'distanza bejn 2 u 8 m;

(e) meta r-riżultati tal-programm sterjoskopiku jiġu kkomunikati, l-informazzjoni għandha tindika l-marġni ta' żball inerenti mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema tal-kamera sterjoskopika, li m'għandux jaqbeż +/- 5 perċentwali.".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2014.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | D. KOURKOULAS |